

Brussell, 3 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6784/22

POLCOM 7
COMER 26
WTO 32

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 74 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 74 final.

Mehmuż: COM(2022) 74 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.3.2022
COM(2022) 74 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 654/2014 tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament dwar l-Infurzar”) jipprovdi r-regoli u l-proċeduri għal eżerċizzju effettiv u f'waqtu tad-drittijiet tal-Unjoni skont ftehimiet kummerċjali internazzjonali, bil-għan li jiġu salvagwardjati l-interessi ekonomiċi tal-Unjoni¹. Fl-2021, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Infurzar ġie aġġornat biex jipprevedi aktar possibbiltajiet għal azzjoni tal-Unjoni biex jiġu ffaċċjati l-isfidi eżistenti, u biex jissaħħu l-effettività u l-konsistenza tar-Regolament².

Bħalissa, ir-Regolament dwar l-Infurzar jippermetti lill-Unjoni tissospendi jew tirtira konċessjonijiet jew obbligi oħra skont il-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u ftehimiet kummerċjali internazzjonali oħra tal-UE fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- biex tinforza d-drittijiet tal-Unjoni skont ftehim kummerċjali meta dan tal-aħħar jinkiser minn pajjiż terz jew wara eżitu favorevoli għall-Unjoni f'tilwima kummerċjali jew meta t-tentattiv tal-Unjoni li tikseb soluzzjoni vinkolanti ta' tilwima kummerċjali ma jirnexxi għal raġunijiet barra mir-responsabbiltà tal-Unjoni; kif ukoll
- biex jiġu bbilanċjati mill-ġdid l-obbligi tal-Unjoni skont u f'konformità ma' ftehim kummerċjali, meta pajjiżi terzi jintroduċu miżura ta' salvagwardja jew jimmodifikaw unilaterament konċessjonijiet tariffarji jew impenji ta' servizzi li minnhom tibbenefika l-Unjoni.

Ir-Regolament dwar l-Infurzar jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, timmodifika, tissospendi u tħassar miżuri ta' politika kummerċjali f'dawk iċ-ċirkostanzi. Qabel l-emenda reċenti tar-Regolament dwar l-Infurzar, il-miżuri ta' politika kummerċjali li jistgħu jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni kienu jikkonsistu biss f'miżuri li jikkonċernaw il-kummerċ fil-prodotti u l-aċċess għall-akkwist pubbliku. L-emenda tal-2021 estendiet dawn il-possibbiltajiet sabiex tinkludi miżuri li jikkonċernaw il-kummerċ fis-servizzi u ċerti aspetti relatati mal-kummerċ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Il-Kummissjoni tippromulga regolamenti ta' implimentazzjoni wara l-proċedura ta' eżami u, fejn applikabbli, eżerċizzju ta' għbir ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 50.)

² Ir-Regolament (UE) 2021/167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 654/2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali (ĠU L 49, 12.2.2021, p. 1).

2. REKWIŻIT TAR-RIEŻAMI

L-Artikolu 10 tar-Regolament dwar l-Infurzar jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tirrevedi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament filwaqt li tqis b'mod partikolari l-miżuri ta' politika kummerċjali li jistgħu jiġu adottati, kif ukoll l-implimentazzjoni tiegħu. Ir-rieżami jenħtieġ li jiffoka wkoll fuq miżuri ta' politika kummerċjali addizzjonali li jissospendu konċessjonijiet jew obbligi oħra fil-qasam tal-aspetti relatati mal-kummerċ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Ir-rieżami għandu jitwettaq mhux aktar tard minn sena wara t-13 ta' Frar 2021 u l-Kummissjoni għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Ir-rieżamijiet preċedenti tar-Regolament saru fl-2017 u l-2019³.

Il-perjodu soġġett għal dan ir-rieżami jinkludi l-perjodu wara l-aħħar rieżami (2019), jiġifieri Diċembru 2019 sal-lum. Fir-rigward tal-emenda tal-2021, sal-lum il-perjodu ta' rieżami jibda mit-13 ta' Frar 2021 (id-data tad-dħul fis-seħħ tal-emenda) rispettivament.

3. RIEŻAMI TAL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI, IL-MIŻURI TA' POLITIKA KUMMERĊJALI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT DWAR L-INFURZAR

3.1. Kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament

L-Artikolu 3 tar-Regolament dwar l-Infurzar jistabbilixxi s-sitwazzjonijiet speċifiċi li fihom japplika r-Regolament dwar l-Infurzar u fejn l-Unjoni tista' twieġeb permezz ta' miżuri ta' politika kummerċjali. L-emenda tal-2021 issupplimentat il-kamp ta' applikazzjoni oriġinali b'sitwazzjonijiet addizzjonali, kif ippreżentat hawn taħt.

3.1.1. Artikoli 3(a) u (b): Wara deċiżjoni vinkolanti dwar tilwima kummerċjali favur l-Unjoni

Ir-Regolament dwar l-Infurzar japplika meta proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim fid-WTO (*l-Artikolu 3(a)*) jew fir-rigward ta' ftehimiet kummerċjali internazzjonali oħra (*l-Artikolu 3(b)*) irriżultat f'aġġudikazzjoni vinkolanti tat-tilwima kummerċjali, u tagħti lok għal dritt ta' infurzar mill-Unjoni minħabba nuqqas ta' implimentazzjoni mill-parti konvenuta. Ir-Regolament dwar l-Infurzar huwa għalhekk applikabbli wara soluzzjoni vinkolanti ta' tilwima favur l-Unjoni.

Fil-perjodu soġġett għal rieżami, ir-Regolament dwar l-Infurzar intuża darba għal sitwazzjoni bħal din. Fl-2020, l-Unjoni introduċiet miżuri ta' politika kummerċjali dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti, bħala azzjoni ta' infurzar b'rabta mat-tilwima tad-WTO aġġudikata dwar is-sussidji lill-manifattur tal-inġenji tal-ajru Boeing⁴. Il-miżuri ġew introdotti wara l-adozzjoni, f'April 2019, tar-

³ IR-RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014, [COM/2019/639 final](#); IR-RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL L-Ewwel Rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Infurzar [COM/2017/0373 final](#).

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1646 tas-7 ta' Novembru 2020 dwar miżuri ta' politika kummerċjali li jikkonċernaw ċerti prodotti mill-Istati Uniti tal-Amerka wara l-aġġudikazzjoni ta' tilwima kummerċjali skont il-Fehim dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-

rapport tal-Korp tal-Appell li jikkonferma n-nuqqas ta' konformità tal-Istati Uniti fit-tilwima tad-WTO u l-arbitraġġ tad-WTO dwar il-livell ta' kontromiżuri. Ir-rapport tal-Korp tal-Appell ikkonferma li s-sussidji tal-Istati Uniti lil Boeing komplew jikkawżaw ħsara sinifikanti lil Airbus.

Għall-finijiet tal-introduzzjoni tal-kontromiżuri, il-Kummissjoni wettqet, skont ir-Regolament dwar l-Infurzar, eżerċizzju ta' għbir ta' informazzjoni dwar lista preliminari ta' prodotti mill-Istati Uniti li fuqhom l-Unjoni tista' tiegħu kontromiżuri⁵.

F'Lulju 2021, l-Unjoni ssospendiet l-applikazzjoni tal-miżuri imposti għal perjodu ta' ħames snin⁶. Is-sospensjoni hija maħsuba biex tippermetti liż-żewġ partijiet ikomplu d-diskussjonijiet biex iħaddmu l-intenzjonijiet tagħhom rigward il-finanzjament, ir-riċerka u l-finanzjament għall-iżvilupp kif ukoll appoġġ speċifiku għal inġenji tal-ajru ċivili kbar⁷.

L-użu tar-Regolament dwar l-Infurzar f'dan il-każ kien fattur ewlieni wara l-iżviluppi pożittivi fil-każ. Huwa biss wara l-impożizzjoni tal-miżuri tal-UE fuq l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti - li kienu diġà implimentaw miżuri ta' infurzar estensivi kontra l-Unjoni abbażi tat-tilwima tad-WTO tal-Airbus - li setgħu jerġgħu jiġu stabbiliti bilanċ u reċiproċità suffiċjenti. Dan ħoloq l-ambjent it-tajjeb għal involviment kostruttiv sussegwenti u s-soluzzjoni li sa issa ntlaħqet.

L-użu limitat tar-Regolament għar-raġunijiet stabbiliti fl-Artikoli 3(a) u (b) matul il-perjodu ta' rieżami huwa attribwibbli għall-istadji proċedurali ta' tilwim kummerċjali pendenti. L-istadju ta' infurzar huwa fażi avvanzata ħafna f'tilwima kummerċjali, li f'it li xejn każijiet qatt jilhqqu meta wieħed iqis li l-biċċa l-kbira tal-każijiet jiġu solvuti ħafna qabel⁸. Min-naħa l-oħra, ma jistax jiġi eskluż li s-sempliċi eżistenza tal-istrument, u l-potenzjal li jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-Unjoni għaldaqstant, għandhom effett dissważiv fuq pajjiżi terzi, li jillimita l-interess tagħhom f'nuqqas ta' konformità wara litigazzjoni li tirnexxi favur l-Unjoni, jew saħansitra fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-impenji tagħhom skont ftehim kummerċjali.

Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 373, 9.11.2020, p. 1); Stati Uniti - Miżuri li Jaffettwaw il-Kummerċ f'Inġenji tal-Ajru Ċivili Kbar — It-Tieni Ilment (DS353).

⁵ Tilwima Boeing WTO: L-UE toħroġ lista preliminari ta' prodotti tal-Istati Uniti meqjusa għall-kontromiżuri; https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/fi/ip_19_2162

⁶ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1123 tat-8 ta' Lulju 2021 li jissospendi l-miżuri ta' politika kummerċjali li jikkonċernaw ċerti prodotti mill-Istati Uniti tal-Amerka imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1646 wara l-aġġudikazzjoni ta' tilwima kummerċjali skont il-Ftehim dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 43).

⁷ [L-UE u l-Istati Uniti jieħdu pass deċiżiv biex itemmu t-tilwima dwar l-inġenji tal-ajru.](#)

⁸ Ara [ħarsa ġenerali lejn il-każijiet ta' soluzzjoni attiva tat-tilwim tal-UE](#) tal-10 ta' Diċembru 2021, disponibbli fuq is-sit web tad-DG TRADE.

3.1.2. L-Artikoli 3(aa) u (ba): meta s-soluzzjoni ta' tilwima kummerċjali tiġi mblukkata

Dawn ir-raġunijiet ġew introdotti mill-emenda tal-2021. Dawn huma simili għal dawk fil-punt 3.1.1 peress li huma relatati mal-infurzar tad-drittijiet tal-UE abbażi ta' tilwim kummerċjali iżda jikkonċernaw speċifikament l-imblukkar ta' proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim.

Ir-Regolament dwar l-Infurzar kien oriġinarjament imfassal fuq il-premessa li hemm fis-seħħ proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim li tiffunzjona bis-siġh, li twassal għal aġġudikazzjoni finali u vinkolanti ta' tilwima. Madankollu, f'sitwazzjonijiet fejn il-kontroparti tal-Unjoni għal tilwima ma tikkooperax u tipprevjeni proċedura li twassal għal deċiżjoni vinkolanti u infurzabbli, l-oġettiv tar-Regolament, li huwa li jissalvagwardja l-interessi tal-Unjoni billi jgħammar lill-Unjoni bl-istrumenti meħtieġa biex tirreaġixxi b'mod effettiv u rapidu għal miżuri illegali ta' pajjiżi terzi, ma setax jintlaħaq. Biex tindirizza dawn l-isfidi, il-Kummissjoni pproponiet aġġornament tar-Regolament dwar l-Infurzar, u r-Regolament ġie emendat fl-2021.

Iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' applikazzjoni huma kif ġej:

- i. Fir-rigward tat-tilwim kummerċjali tad-WTO, ir-Regolament dwar l-Infurzar japplika wara ċ-ċirkolazzjoni ta' rapport tal-bord tad-WTO li jikkonferma, b'mod siġh jew parzjali, it-talbiet imressqa mill-Unjoni, jekk ikun ġie ppreżentat appell skont l-Artikolu 17 tal-Ftehim dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO, iżda ma jistax jitlestha minħabba li l-Korp tal-Appell ma jkunx operazzjonali u l-pajjiż terz ma jaqbilx ma' arbitraġġ ta' appell interim skont l-Artikolu 25 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim.

Din l-emenda ġiet ikkawżata mis-sitwazzjoni tal-Korp tal-Appell tad-WTO li attwalment ma jaħdimx. Kif inhu magħruf sew, il-Korp tal-Appell tad-WTO bħalissa mhux operazzjonali minħabba li l-Istati Uniti qed jimblukkaw il-ħatra ta' membri ġodda tal-Korp tal-Appell. Il-Korp tal-Appell tad-WTO ma jistax jaħdem fuq appelli ppreżentati mill-11 ta' Diċembru 2019, u lanqas mhu qed jaħdem aktar fuq appelli ppreżentati qabel iżda li ma tlestewx sal-bidu tal-2020. Għalhekk, is-sitwazzjoni teżisti, li tippermetti lill-Unjoni tiegħu azzjoni ta' infurzar f'tilwim tad-WTO li jiġi mblukkat fl-appell, ħlief jekk ikun hemm qbil dwar rieżami tal-appell skont l-Artikolu 25 tal-Ftehim dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO.

L-emenda tipprovdi salvagwardja flimkien mal-isforzi li għaddejjin tal-Unjoni biex issolvi l-kriżi. L-Unjoni żviluppat l-Arranġament Proviżorju bejn Bosta Partijiet, li għandu l-għan li jirreplika kemm jista' jkun il-mekkaniżmu tal-appell tad-WTO permezz ta' proċedimenti ta' arbitraġġ previsti skont l-Artikolu 25 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim⁹. L-arranġament b'mod partikolari jżomm mekkaniżmu vinkolanti għas-soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO fuq żewġ livelli, fost karatteristiċi oħra. Għadd ta' membri oħra tad-WTO nġhaqdu mal-arranġament, li jibqa' miftuħ għall-bqija tas-sħubija fuq bażi volontarja, kif ukoll *ad hoc* għall-finijiet ta' tilwim speċifiku.

⁹ [L-arranġament ta' appell interim għat-tilwim tad-WTO jsir effettiv.](#)

- ii. Fir-rigward ta' tilwim kummerċjali taħt ftehimiet kummerċjali oħra tal-UE, inklużi ftehimiet reġjonali jew bilaterali, ir-Regolament dwar l-Infurzar japplika jekk l-aġġudikazzjoni ma tkunx possibbli minħabba li l-pajjiż terz mhux qed jieħu l-passi li huma meħtieġa biex tiffunzjona proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim, inkluż id-dewmien bla bżonn tal-proċedimenti li jammonta għal nuqqas ta' kooperazzjoni fil-proċess.

Tali riskji ta' mblukkar ġew identifikati fir-rieżami tal-2019 tar-Regolament dwar l-Infurzar. Pereżempju, meta l-parti l-oħra ma taħtarx arbitru u ma taħtar l-ebda mekkaniżmu ta' rimedju li jirrimedja għal dik is-sitwazzjoni, l-Unjoni ma tkunx tista' tikseb deċizzjoni vinkolanti li tista' tiġi infurzata.

Matul il-perjodu ta' rieżami (relattivament qasir) ma feġġet l-ebda sitwazzjoni bħal din, li wasslet għall-użu tar-Regolament dwar l-Infurzar kif emendat. Madankollu, l-użu tal-istrument emendat ġie kkontemplat f'xi każijiet, u s-sempliċi possibbiltà li jintuża seta' pproduċa l-inkoraġġiment meħtieġ għall-pajjiż terz li qed iwieġeb inkwistjoni biex jippermetti riżoluzzjoni vinkolanti tat-tilwima tad-WTO.

Għal tilwim li jkun għaddej, in-nuqqas ta' Prattika huwa għalhekk parzjalment dovut għall-fatt li l-Arranġament Proviżorju bejn Bosta Partijiet huwa disponibbli u operazzjonali u li f'każijiet oħra l-partijiet jistgħu jaqblu, *ad hoc*, dwar arbitraġġ ta' appell. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' Prattika attiva huwa għal darb' oħra marbut mal-istadju proċedurali ta' tilwim pendenti peress li tilwima trid tilħaq ċertu stadju biex ir-Regolament dwar l-Infurzar isir potenzjalment applikabbli.

3.1.3. *Artikolu 3(c): Miżuri ta' ekwilibriju mill-ġdid b'rispons għal salvagwardja ta' pajjiż terz*

Is-sitwazzjoni l-oħra li fiha japplika r-Regolament dwar l-Infurzar tkopri miżuri ta' riekwilibriju meta pajjiż terz jimponi miżura ta' salvagwardja u l-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji (l-Artikolu 8) jew regoli dwar salvagwardji fi ftehimiet oħra tal-Unjoni jagħtu lill-Unjoni d-dritt li tibbilanċja mill-ġdid.

Ir-Regolament dwar l-Infurzar intuża b'kollox darbtejn għal dan il-għan, inkluż darba matul il-perjodu ta' rieżami. L-ewwel istanza tikkonċerna r-rispons tal-Unjoni għad-dazji tal-importazzjoni fuq l-azzar u l-aluminju imposti mill-Istati Uniti fl-2018¹⁰. It-tieni istanza tikkonċerna rispons simili tal-Unjoni għal dazji tal-importazzjoni relatati fuq prodotti derivati tal-azzar u tal-aluminju introdotti mill-Istati Uniti fl-2020¹¹. Fiż-żewġ każijiet, l-Unjoni introduċiet miżuri ta' riekwilibriju fil-forma ta' tariffi tal-importazzjoni addizzjonali fuq għadd ta' prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti. Mil-lat proċedurali, l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni li jimponu miżuri ta' riekwilibriju ħadet madwar xahrejn fl-ewwel istanza, u xahar fit-tieni istanza, f'konformità mal-iskadenzi tal-Ftehim tad-WTO.

¹⁰ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/724 tas-16 ta' Mejju 2018 dwar ċerti miżuri ta' politika kummerċjali li jikkonċernaw ċerti prodotti li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 122, 17.5.2018, p. 14) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/886 tal-20 ta' Ġunju 2018 dwar ċerti miżuri ta' politika kummerċjali rigward ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/724 (ĠU L 158, 21.6.2018, p. 5).

¹¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/502 tas-6 ta' April 2020 dwar ċerti miżuri ta' politika kummerċjali li jikkonċernaw ċerti prodotti li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 109, 7.4.2020, p. 10).

Matul il-perjodu ta' rieżami, ir-Regolament dwar l-Infurzar aktar tard ġie applikat ukoll sabiex jiġu sospiżi dawn il-miżuri ta' riekwilibriju f'żewġ okkażjonijiet fl-2021¹². Is-sospensjoni pprovdiet il-kundizzjonijiet meħtieġa biex l-Unjoni u l-Istati Uniti javvanzaw il-kooperazzjoni kontinwa tagħhom, inkluż bil-ħsieb li jiġu eliminati t-tariffi rispettivi¹³. Bħalissa, il-miżuri ta' riekwilibriju mhumiex applikati.

Ir-Regolament dwar l-Infurzar żgura li l-Unjoni kienet kapaċi tirrispondi malajr għall-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti u tiddefendi l-interessi ekonomiċi tal-Unjoni f'żewġ okkażjonijiet importanti. Barra minn hekk, id-disponibbiltà tar-rispons tal-Unjoni kellha rwol fl-isforzi kontinwi biex tissolva l-kwistjoni sottostanti. Is-sospensjoni tal-miżuri attivi ta' riekwilibriju kienet strumentali biex jiġu eliminati t-tariffi tal-Istati Uniti. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li r-Regolament dwar l-Infurzar wera li kien ta' użu essenzjali u kien għodda sinifikanti għall-Unjoni biex tindirizza b'suċċess it-tariffi tal-azzar u tal-aluminju tal-Istati Uniti.

3.1.4. Artikolu 3(d): Modifika ta' konċessjonijiet jew impenji

L-aħħar sitwazzjoni li fiha jista' jintuża r-Regolament dwar l-Infurzar hija f'każijiet ta' modifika unilaterali minn membru tad-WTO tal-konċessjonijiet skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (GATT 1994) jew ta' impenji skont l-Artikolu XXI tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS), fejn l-ebda aġġustament kumpensatorju ma ġie miftiehem fir-rigward ta' oġġetti, u, aġġustamenti kumpensatorji ma jsirux f'konformità mas-sejbiet tal-arbitraġġ skont l-Artikolu XXI tal-GATS, fir-rigward tas-servizzi.

Orġinarjament, ir-Regolament dwar l-Infurzar kien applikabbli biss f'sitwazzjonijiet li jikkonċernaw l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994. L-emenda tal-2021 issupplimentat id-dispożizzjoni b'sitwazzjonijiet li jikkonċernaw l-Artikolu XXI tal-GATS. Iż-żieda hija loġika u ġġustifikata minħabba x-xebh bejn iż-żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet.

Fil-perjodu ta' rieżami, ma seħħ l-ebda każ bħal dan. Lanqas ma kien hemm indikazzjonijiet li membru partikolari tad-WTO kien beħsiebu jimmodifika konċessjonijiet jew impenji mingħajr ma jidħol f'negozjati dwar aġġustamenti kumpensatorji. Ir-Regolament seta' pproduċa effetti deterrenti minħabba li s-sempliċi eżistenza tiegħu turi li l-Unjoni hija lesta u mgħammra tajjeb biex tagħmel użu effettiv mid-drittijiet tagħha ta' riekwilibriju skont dawk id-dispożizzjonijiet.

3.2. Miżuri ta' politika kummerċjali

L-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-Infurzar jelenka l-miżuri ta' politika kummerċjali potenzjali, li l-Unjoni tista' tuża fis-sitwazzjonijiet identifikati fil-punt 3.1. Orġinarjament, il-lista tipprovdiet għal dan li ġej:

¹² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/866 tat-28 ta' Mejju 2021 li jissospendi ċerti miżuri ta' politika kummerċjali rigward ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka imposti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/886 (ĠU L 190, 31.5.2021, p. 94-95); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2083 tas-26 ta' Novembru 2021 li jissospendi ċerti miżuri ta' politika kummerċjali rigward ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka imposti bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/886 u (UE) 2020/502 (ĠU L 426, 29.11.2021, p. 41).

¹³ [Stqarrija konġunta UE-Stati Uniti tal-31 ta' Ottubru 2021](#); [Id-dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea tal-31 ta' Ottubru 2021](#);

- (a) *Artikolu 5(1)(a): is-sospensjoni tal-konċessjonijiet tat-tariffi u l-impożizzjoni ta' dazji doganali ġodda jew miżjuda;*
- (b) *L-Artikolu 5(1)(b): l-introduzzjoni jew iż-żieda ta' restrizzjonijiet kwantitattivi fuq importazzjonijiet jew esportazzjonijiet ta' oġġetti; kif ukoll*
- (c) *L-Artikolu 5(1)(c): is-sospensjoni tal-konċessjonijiet fil-qasam tal-akkwist pubbliku.*

L-emenda tal-2021 wessgħet il-lista għal dan li ġej:

- (a) *L-Artikolu 5(1)(ba): is-sospensjoni tal-obbligi rigward il-kummerċ fis-servizzi u l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-kummerċ fis-servizzi; dan huwa soġġett għal prijoritizzazzjoni/ġerarkija obligatorja tal-passi. Il-Kummissjoni jkollha bżonn tgħaddi minn kull kategorija u tikkonkludi li l-miżuri mhumiex possibbli qabel ma tgħaddi għall-kategorija li jmiss. L-ewwel kategorija hija dawk is-servizzi fejn ikun hemm awtorizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni. It-tieni hija fejn hemm leġiżlazzjoni estensiva tal-Unjoni. It-tielet hija fejn l-eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni wera l-inqas interferenza mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.*
- (b) *Artikolu 5(1)(bb): is-sospensjoni tal-obbligi fir-rigward tal-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ mogħtija minn istituzzjoni jew aġenzija tal-Unjoni u validi fl-Unjoni kollha, u l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-protezzjoni ta' tali drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew l-isfruttament kummerċjali tagħhom, fir-rigward tad-detenturi tad-drittijiet li jkunu ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat. Din il-firxa ta' possibbiltajiet tikkorrispondi l-aktar għall-ewwel pass ġerarkiku applikabbli għas-servizzi.*

Id-disponibbiltà ta' miżuri fir-rigward tas-servizzi u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali minn Frar 2021 kienet titjib sinifikanti tal-istrument u żżid l-abbiltà tal-Unjoni li tinforza d-drittijiet tagħha skont il-ftehimiet kummerċjali f'għadd ta' aspetti:

- din tagħmel l-istrument ta' infurzar aktar effettiv, inkluż billi tipproduċi effett deterrenti importanti fuq l-azzjonijiet illegali ta' pajjiżi terzi;
- tikkorrispondi għall-ħtiġijiet ta' ekonomiji moderni u bbażati fuq l-għarfien;
- hija taqbel mal-prominenza tas-servizzi u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fil-kummerċ internazzjonali;
- tagħmel lill-Unjoni kredibbli meta tfittex li tinnegozja l-protezzjoni għad-detenturi tad-drittijiet barra mill-pajjiż;
- turi li l-Unjoni hija determinata li teżerċita bis-sħiħ id-drittijiet li għandha skont ftehimiet kummerċjali, inkluż billi ttejjeb l-effikaċja tal-infurzar tal-obbligi permezz ta' ritaljazzjoni inkroċjata.

It-tliet każijiet kollha ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Infurzar b'kollox, inkluż fil-perjodu ta' rieżami, kienu jinvolvu miżuri ta' politika kummerċjali fil-forma ta' dazji doganali addizzjonali fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti fl-Unjoni. Il-miżuri kienu xierqa u proporzjonati għall-ħsara kkawżata mill-miżuri korrispondenti tal-pajjiż terz (f' dan il-

każ, l-Istati Uniti). L-użu ta' dazji fuq l-importazzjoni wera li kien effettiv fl-impożizzjoni ta' prezz fuq l-ekonomija tal-Istati Uniti u kien fattur li wassalhom, maż-żmien, biex ibiddu l-miżuri tagħhom. B'riżultat ta' dan, il-miżuri kollha skont ir-Regolament dwar l-Infurzar bħalissa huma sospiżi peress li l-miżuri tal-Istati Uniti mhumiex applikati bħal qabel.

L-ebda waħda mill-possibiltajiet l-oħra taħt l-Artikolu 5 ma ġiet skjerata matul il-perijodu ta' rieżami. Dan huwa parzjalment dovut għall-perjodu ta' żmien relattivament qasir wara l-emenda tal-2021 li introduċiet il-possibiltajiet addizzjonali. Barra minn hekk, kif imsemmi, l-użu tad-dazji fuq l-importazzjoni fuq il-merkanzija kien effettiv. Fl-istess ħin, il-kwistjoni tar-ritaljazżjoni inkroċjata ma qamitx¹⁴ matul il-perjodu ta' rieżami, li seta' ra kunsiderazzjoni ta' kontromiżuri lil hinn mill-prodotti, bħal fl-oqasma tal-kummerċ fis-servizzi jew tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Fil-każ Boeing, il-miżuri tal-Istati Uniti li skattaw il-kontromiżuri tal-Unjoni kienu jikkonċernaw merkanzija skont il-Ftehim tad-WTO u l-Unjoni tista' tirrispondi b'mod effettiv permezz ta' miżuri dwar il-merkanzija. Fil-każijiet ta' salvagwardja tad-WTO, ma kienx ikun permess li tingħata tweġiba permezz ta' miżuri oħra għajr dawk meħuda fuq prodotti wara sospensjoni tal-obbligi skont il-Ftehim Ġenerali tad-WTO dwar it-Tariffi u l-Kummerċ. Għalhekk, il-possibiltajiet li fadal skont l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-Infurzar għadhom ma ġewx ittestjati iżda huma disponibbli għall-użu fil-futur.

Estensjoni ulterjuri tal-miżuri fil-qasam tal-aspetti relatati mal-kummerċ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali

L-estensjoni tal-2021 tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri possibbli fil-qasam tal-aspetti relatati mal-kummerċ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tista' titqies sinifikanti bħala kwistjoni ta' prinċipju, iżda hija limitata fil-firxa tagħha. Dan jipprevedi azzjoni ta' infurzar fil-forma ta' restrizzjonijiet fuq il-protezzjoni jew l-isfruttament kummerċjali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jingħataw minn istituzzjoni jew aġenzija tal-Unjoni u li jkunu validi fl-Unjoni kollha, fir-rigward tad-detenturi tad-drittijiet li huma ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat. Dan il-kamp ta' applikazzjoni jikkorrispondi l-aktar mal-ewwel pass tal-ġerarkija tal-passi applikabbli għall-miżuri fil-kummerċ tas-servizzi. Fil-prattika, bħalissa, jista' japplika għal indikazzjonijiet ġeografiċi, trademarks tal-UE, disinji tal-UE u varjetajiet ta' pjanti. Ma jipprevedix azzjoni ta' infurzar fil-forma ta' miżuri li jaffettwaw il-privattivi u d-drittijiet tal-awtur, pereżempju.

Il-valutazzjoni attwali tal-Kummissjoni hija li ma hemm l-ebda impediment legali jew tekniku għal estensjoni ulterjuri, u li estensjoni tkun ġeneralment ta' benefiċċju. Dan iżid l-effettività u l-kredibbiltà tal-istrument ta' infurzar għaliex iżid mas-sitwazzjonijiet fejn l-Unjoni tkun tista' tinforza d-drittijiet tagħha b'mod effettiv meta pajjiż terz jikser il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali minquxa fi ftehim tal-UE u l-possibiltà li tittieħed tali azzjoni bħala kwistjoni ta' dritt internazzjonali diġà hija prevista. Dan ikompli jwassal għall-konformità tal-pajjiż terz f'każ li dak il-pajjiż terz jikser il-protezzjoni miftiehma.

Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati kienu ġeneralment pożittivi dwar miżuri li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni attwali tar-Regolament dwar l-Infurzar. Fil-kuntest tal-konsultazzjoni pubblika relatata mal-proposta tal-Kummissjoni għal strument kontra l-koerċizzjoni¹⁵, il-partijiet ikkonċernati ġew mistoqsija speċifikament dwar aktar

¹⁴ L-Artikolu 22 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim.

¹⁵ [Riżultati dettaljati tal-konsultazzjoni pubblika](#); [Lejn strument tal-UE kontra l-koerċizzjoni](#);

miżuri fil-qasam tal-aspetti relatati mal-kummerċ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Filwaqt li indikaw is-sensittivitajiet (tħassib dwar il-ħsara kollaterali lin-negozji tal-UE), huma rrikonnoxxew ukoll benefiċċji potenzjali (żieda fl-effettività u fil-kredibbiltà).

Il-Kummissjoni tħalli miftuħa l-possibbiltà li tippreżenta proposta leġiżlattiva biex taġġorna r-Regolament dwar l-Infurzar f'dan l-aspett u potenzjalment f'aspetti oħra fil-futur. F'dan l-istadju, proposta leġiżlattiva ma titqiesx bħala xierqa minħabba li l-aħħar emenda tar-Regolament għadha riċenti ħafna.

Il-proposta reċenti għal strument kontra l-koerċizzjoni kif ukoll l-att leġiżlattiv speċifiku li l-Kummissjoni impenjat ruħha li tippromponi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew għall-infurzar tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit jistgħu jkunu ta' rilevanza biex tiġi kkunsidrata estensjoni futura ulterjuri tar-Regolament dwar l-Infurzar.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tqis li huwa importanti li jitkompla l-monitoraġġ u r-rieżami tal-firxa ta' miżuri disponibbli u l-utilità tagħhom. Tali rieżami jenħteġ li jkun ibbażat fuq l-attività ta' soluzzjoni tat-tilwim tal-UE kemm fuq każijiet ta' applikazzjoni futuri, kif ukoll fuq żviluppi oħra li jista' jkollhom implikazzjonijiet fuq l-effettività tar-Regolament dwar l-Infurzar fil-kuntest usa'.

3.3. Implimentazzjoni

Ir-Regolament wera li huwa strument xieraq u flessibbli biżżejjed f'termini ta' proċess. Huwa ppermetta rispons f'waqt u xieraq mill-Unjoni meta ntuża. Ippermetta lill-Unjoni tirreaġixxi fi ħdan l-iskadenzi stretti għall-istabbiliment u l-eżerċitar ta' drittijiet ta' riekwilibriju skont il-Ftehim tad-WTO, fl-2018 u fl-2020. Appoġġa wkoll azzjoni rapida u effiċjenti fejn kienet iġġustifikata mill-urġenza tal-kwistjoni fis-sospensjoni tal-miżuri ta' politika kummerċjali li għaddejjin bħalissa (darbtejn fl-2021).

4. KONKLUŻJONI

Ir-Regolament dwar l-Infurzar intuża biss fi ftit okkażjonijiet s'issa, kemm biex jiġu introdotti miżuri b'reazzjoni għas-salvagwardji u għall-infurzar, kif ukoll biex jiġu sospiżi tali miżuri. Huwa laħaq l-oġġettivi tiegħu li jissalvagwardja l-interessi ekonomiċi tal-Unjoni u wera li huwa strument essenzjali u xieraq biex jirrispondi għall-azzjonijiet ta' pajjiżi terzi fiċ-ċirkostanzi speċifiċi. Anki jekk limitata, il-prattika wriet li l-Unjoni hija kapaċi tirreaġixxi malajr, b'mod effettiv u riżolut u twassal għal riżultati pożittivi. Il-Kummissjoni tqis li, lil hinn mill-applikazzjoni limitata tar-Regolament f'każ speċifiku s'issa, l-eżistenza stess ta' strument ta' infurzar għandha impatt pożittiv u effett deterenti. Jibgħat sinjal ċar tal-kapaċità tal-Unjoni li tafferma b'mod effettiv id-drittijiet tagħha skont ftehimiet kummerċjali jew fil-każ ta' ksur tagħhom. Għalhekk jista' jkun li l-istrument ma jkollux għalfejn jintuża ta' spiss biex jiġi stabbilit li għandu impatt minħabba li t-tħeddida tal-użu tiegħu diġà pproduċiet riżultati.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-użu u l-utilità ġenerali tar-Regolament dwar l-Infurzar. Dan iħalli miftuħa l-possibbiltà għal aġġornament ulterjuri tal-miżuri ta' politika kummerċjali disponibbli jew is-sitwazzjonijiet li jistgħu jiskattaw l-applikazzjoni tagħhom.